



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 29 ta' Novembru 2013
(OR. en)**

16983/13

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0074 (COD)**

**POLGEN 242
POLMAR 28
PESC 1440
COSDP 1112
AGRI 795
TRANS 629
JAI 1077
ENV 1137
PECHE 578
CODEC 2755**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7510/13 + ADD 1 + ADD 2
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta [L-ewwel qari] - <i>Approċċ Ġenerali</i>

1. Fit-12 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta. Id-Direttiva proposta għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni marittimi u l-użu sostenibbli tar-riżorsi marini.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-Opinjoni tiegħu fit-18 ta' Settembru 2013¹.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-Opinjoni tiegħu fid-9 ta' Ottubru 2013².
4. Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew approva rapport li fih numru ta' emendi għall-proposta fil-5 ta' Novembru 2013. Il-vot fil-plenarja dwar l-emendi huwa attwalment ippjanat għall-10 ta' Diċembru 2013.
5. Id-diskussjonijiet fil-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza - Politika Marittima Integrata bdew f'Marzu 2013 taħt il-Presidenza Irlandiża u komplew taħt il-Presidenza Litwana. Wara l-laqgħa tal-Grupp fil-25 ta' Novembru, il-Presidenza tikkunsidra li jeżisti grad suffiċjenti ta' kunsens madwar l-aħħar proposta ta' kompromess tal-Presidenza, kif jinsab fid-dokument **16979/13**, sabiex din tal-aħħar tiġi ppreżentata lill-Kunsill bil-għan li jiġi adottat l-approċċ ġenerali tal-Kunsill.
6. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti hu mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - Jaqbel dwar l-approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument **16979/13**;
 - Jistieden lill-Presidenza tibda n-negożjati mal-Parlament Ewropew malajr kemm jista' jkun.

¹ Numru tal-Opinjoni CES 3176/2013

² Numru tal-Opinjoni CES 3766/2013